31994R3236

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3236/94
tal-21 ta' Diċembru 1994
li jemenda, minħabba l-Adezzjoni ta' l-Awstria, il-Finlandja u l-Isvezja, ir-Regolament (KEE) Nru. 2123/89 li jistabbilixxi l-lista tas-swieq rappreżentativi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adezzjoni tan-Norveġja, l-Awstria, il-Finlandja u l-Isvezja u partikolarment l-Artikolu 169(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2759/75 tat-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru. 1249/89 [2], u partikolarment l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75 jipprovdi għad-determinazzjoni tal-prezz fis-suq tal-Komunità għall-majjali maqtula fuq il-bażi ta' prezzijiiet irreġistrati fis-swieq rappreżentativi;

Billi ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 2123/89 [3], kif l-aħħar emdetat bir-Regolament (KEE) Nru. 3787/90 [4], li jistabbilixxi lista ta' swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità;

Billi, sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75 fl-Istati Membri ġodda, l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru. 2123/89 għandu jkun emendat billi tiżdied miegħu il-lista ta' swieq rappreżentativi fl-Awstria, il-Finlandja u l-Isvezja,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 huwa mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995 u jiddependi mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adezzjoni tan-Norveġja, l-Awstria, il-Finlandja u l-Isvezja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 129, tal-11.5.1989, p. 12.
[3] ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 23.
[4] ĠU L 364, tat-28.12.1990, p. 26.

L-ANNESS

Lista ta' swieq rappressentativi fil-laħam tal-majjal fil-Komunità

1.	Dan iċ-ċentru segwenti tal-kwotazjoni:	Anderlecht
	u	
	dan il-grupp segwenti ta' swieq	Genk, Lokeren, Herve.
2.	Dan iċ-ċentru segwenti tal-kwotazjoni:	Copenhagen
3.	Dan il-grupp segwenti ta' ċentri tal-kwotazjoni:	Kiel, Hamburg, Bremen, Hannover, Oldenburg, Münster, Düsseldorf, Trier, Frankfurt am Main, Stuttgart, Nürnberh, Mübchen, Schwerin, Potsdam, Magdeburg, Erfurt, Dresden.
4.	Dan il-grupp segwenti ta' ċentri tal-kwotazjoni:	Ebro, Mercolérida, Mercovélez, Segovia, Segura, Silleda
	u	
	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Murcia, Barcelona, Burgos, Fuenteovejuna, Lugo, Pozuelo de Alarcón, Alhama de Murcia, Mollerusa, Calamocha, Segovia, Olvega.
5.	Dan il-grupp segwenti ta' ċentri tal-kwotazjoni:	Rennes, Lyon, Nantes, Clermont-Ferrand, Bordeaux, Caen, Lille, Toulouse, Metz, Orléans.
6.	Dan il-grupp segwenti ta' ċentri tal-kwotazjoni:	Alexandroupolis, Serres, Prevesa, Trikala, Chalkida, Korinthos, Xanthi.
7.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Cavan, Rooskey, Roskrea, Tralee, u Mitchelstown
8.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Milano, Cremona, Mantova, Modena, parma, Reggio Emilia, Macerata/Perugia
9.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Lussemburgu, Esch
10.	Dan iċ-ċentru segwenti ta' kwotazzjoni:	Rijwijk
11.	Iċ-ċentru ta' kwotazzjoni ta' Bletchley għall-dan il-grupp segwenti ta' reġjuni	Scotland, Northern Ireland, Wales u Western England, Nothern England, Eastern England
12.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Famalicão, Coimbra, Leiria, Montijo, Póvoa da Galega, Rio Maior, Évora, Monchique.
13.	Dan iċ-ċentru segwenti ta' kwotazzjoni:	Wien
14.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Turku, Mikkeli, Koupio, Kannus, Jyväskylã, Seinã-joki
15.	Dawn il-gruppi segwenti ta' swieq:	Helsingborg, Vars, Trelleborg, Skövde, Skara, Kalmar, Lulek, Kristianstad.